MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 159/2003

**Dormax Press Company Limited**

**Vs**

**Joseph Schembri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm906.58c (disa’ mija u sitt liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu) in linea ta’ danni sofferti mis-socjeta’ attrici waqt il-kors ta’ l-impjieg ta’ l-konvenut ma’ l-istess socjeta’ attrici, u dan stante li fil-perjodu in kwistjoni l-konvenut ircieva pagamenti dovuti lis-socjeta’ attrici mid-debituri kummercjali taghha u baqa’ qatt ma ghadda l-istess pagamenti lis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza u ta’ l-ittra nterpellatorja tas-26 ta’ Novembru, 2002 u ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Dicembru, 2002 kontra l-konvenut, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut

mis-6 ta' Dicembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv, il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------